MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2205/2004

**Anthony Tanti f'ismu proprju w ezercjenti n-negojzu Digit Line**

**vs**

**Sylvana Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru tas-sena 2004 fejn gie mitlub sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta mija u hamsa u tletin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm 135.23) rapprezentanti valur ta merkanzija debitament mixtrija mill –konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment skond il-ligi il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-30 ta Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta tal-lum u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma rikjesta ta’ mija u hamsa u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm135.23) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta dina l-istanza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------